# 2.
# L-Oqsma tar-Riċerka: Il-Lingwa

George Farrugia u Donna Borg

*Dan il-kapitlu jiffoka fuq qasam tar-riċerka partikolari: il-lingwa. Iħares lejn fergħat diversi tal-lingwa li jiġu mistħarrġa minn lenti lingwistika, imma anke id f'id ma' dixxiplini oħrajn. Il-fonetika u l-fonoloġija, il-morfoloġija, il-kisba u l-iżvilupp tal-ewwel lingwa, u l-lingwistika storika lkoll jiġu analizzati mill-qrib sabiex l-istudenti jagħrfu kemm jista' jkun possibiltajiet ta' riċerka li jeżistu.*

**Kliem muftieħ**: djalettoloġija, (l-)ewwel lingwa, fonetika, fonoloġija, korpus, lingwa, lingwistika, lingwistika storika, morfoloġija, soċjolingwistika, stilistika, tradizzjoni orali

Waħda mill-opportunitajiet li t-teżi tagħti lill-istudenti hi li jkunu jistgħu jagħżlu qasam ta' riċerka u suġġett biex janalizzawh fil-fond. Din l-għażla ġġib magħha ċerta responsabbiltà.

Aktarx li l-ewwel ħaġa li jagħmlu l-istudenti tal-Malti meta jiġu biex jiddeċiedu dwar suġġett għat-teżi hu li jagħżlu bejn il-lingwa u l-letteratura. Huwa veru li kulħadd għandu l-preferenza tiegħu, u huwa veru wkoll li dawn huma ż-żewġ fergħat ewlenin. Madankollu, meta jagħmlu hekk ikunu qegħdin mill-ewwel jeskludu possibbiltajiet li jistgħu jkunu validi u jinkludu suġġetti li aktarx jogħġbuhom imma ma jafux li jogħġbuhom. Dawn iż-żewġ oqsma mhumiex għalkollox distinti minn xulxin. Jekk togħġbok ħaġa, ma jfissirx li ddejqek il-ħaġa l-oħra, jew li waħda mhijiex relevanti għall-oħra.

Hemm, mill-banda l-oħra, min ikunu jinteressawh it-tnejn u ma jkunx jaf kif se jagħżel. F'dan il-każ jista' jipprova jgħaqqadhom. Fergħa importanti ta' studju li turi r-relazzjoni bejn il-lingwistika u l-letteratura hi l-istilistika. Ngħidu aħna, l-istudenti jistgħu jagħmlu analiżi stilistika ta' xi xogħlijiet letterarji ta' awturi li jogħġbuhom u b'hekk, waqt li jkunu qed jaħdmu fuq testi letterarji, ikunu qed iħaddmu wkoll prinċipji u kunċetti lingwistiċi. Għalhekk, l-istudenti mhux bilfors iridu jagħżlu bejn il-lingwistika u l-kritika letterarja. Xi drabi, mingħajr ma jafu, ikun hemm affarijiet f'lekċers dwar il-letteratura li jkunu relatati mal-lingwistika u li jolqtu lill-istudenti xorta, jew viċeversa. Fl-ewwel stadji jistgħu

jagħmlu lista tal-elementi li jinteressawhom mingħajr ma jaħsbu ħafna dwarhom u/jew ifittxu fuqhom fil-kotba.

L-istudju tal-letteratura u l-lingwistika jinqasam f'diversi fergħat oħra. Fil-lingwistika nsibu fergħat bħas-soċjolingwistika, il-fonetika u l-fonoloġija, il-morfoloġija, is-sintassi, is-semantika, il-pragmatika, u l-kisba u l-iżvilupp tal-ewwel lingwa. Dawn il-fergħat se niddiskutuhom f'dan il-kapitlu. Barra minn hekk hemm teżijiet, bħal dawk li jsiru fil-qasam tal-**istilistika** u tat-**tradizzjoni orali**, li jistgħu jmissu, kemm mal-lingwa, kif ukoll mal-letteratura, jew mat-tnejn li huma. Ngħidu aħna, fid-Dipartiment tal-Malti saru teżijiet fuq il-metafora kemm min-naħa tal-analiżi letterarja, bħal "L-użu tal-metafora fil-kitbiet ta' Clare Azzopardi" ta' Antonella Mifsud tal-2014, kif ukoll tal-lingwistika, fosthom it-teżi ta' Maria Debono tal-istess sena fuq "Il-Metafora Kunċettwali fil-Malti: Analiżi bil-korpus ta' kliem mill-qasam tal-pjanti."

Il-lingwistika hija l-istudju xjentifiku tal-lingwa. Skont Crystal (184) il-lingwa hija l-użu sistematiku u konvenzjonali tal-ħsejjes, is-sinjali jew is-simboli miktubin f'soċjetà umana biex in-nies jesprimu ruħhom u jikkomunikaw ma' xulxin. Għalhekk il-lingwa nistgħu nqisuha bħala sistema kumplessa ta' għerf u ħiliet li permezz tagħha l-kelliema jistgħu jikkomunikaw il-ħsibijiet, l-ideat, l-emozzjonijiet, ix-xewqat u dak kollu li jixtiequ jesprimu lil ħaddieħor. Il-lingwistika hija l-istudju ta' din is-sistema kumplessa f'kull aspett tagħha. Kif nakkwistawha din is-sistema? Kif inhi strutturata? Kif nużawha biex niftiehmu ma' ħaddieħor u nifhmuh? Kif tinbidel maż-żmien u minn post għal ieħor? Il-lingwisti jinteressahom dan kollu u xogħolhom hu li jinvestigaw b'mod sistematiku n-natura tal-lingwa f'kull aspett.

Minħabba li l-lingwa għandha post daqstant ċentrali f'ħajjitna, il-lingwistika ta' spiss tintrabat ma' dixxiplini oħra fl-istudji umanistiċi, ix-xjenzi soċjali u x-xjenzi naturali, bħall-oqsma tal-filosofija, is-soċjoloġija, il-letteratura, it-tagħlim tal-lingwa, il-bijoloġija, ix-xjenza tal-kompjuter, u x-xjenzi tas-saħħa.

Il-parti tal-istudji lingwistiċi li għandha x'taqsam mal-binja tal-lingwa tinqasam f'numru ta' fergħat li huma prinċipalment il-fonetika, il-fonoloġija, il-morfoloġija, is-sintassi, is-semantika, u l-pragmatika. Iżda hemm fergħat oħra marbuta mal-istudju tal-lingwistika fosthom, is-soċjolingwistika, il-psikolingwistika, il-lingwistika antropoloġika, id-djalettoloġija, il-lingwistika komputazzjonali, u n-newrolingwistika. Il-komponent lingwistiku fil-kors li jwassal għall-grad ta' BA Unuri fil-Malti ma jkoprix dawn il-fergħat kollha iżda l-istudenti li jridu jagħmlu teżi ta' xeħta lingwistika tajjeb li jinvestigaw il-possibbiltajiet ta' riċerka f'xi wħud minn dawn il-fergħat. Fit-taqsimiet li ġejjin se niddiskutu xi possibbiltajiet ta' studju fil-qasam tal-lingwistika fi wħud minn dawn il-fergħat.

## Is-Soċjolingwistika

Żewġ aspetti fundamentali tal-lingwa huma li tistabbilixxi relazzjonijiet soċjali u li twassal tagħrif dwar il-kelliema nfushom. Kull meta nitkellmu nkunu qed nagħtu ħjiel dwar l-oriġini tagħna u dwar it-tip ta' persuna li aħna (Trudgill 2). It-taħdit u l-aċċent tagħna normalment jikxfu l-provenjenza ġeografika u l-isfond soċjali u edukattiv tagħna. Dan kollu jwassal biex dawk li nkunu qed nitkellmu magħhom jiffurmaw opinjoni dwarna. F'dawn l-aħħar ħamsin sena s-soċjolingwistika saret

waħda mill-fergħat ewlenin tal-lingwistika u l-istudji soċjolingwistiċi żdiedu sew. Fost it-temi komuni li jistgħu jiġu żviluppati f'teżijiet f'din il-fergħa hemm:

- Kif tinbidel il-lingwa matul iż-żmien u minn post għal ieħor;
- Għaliex il-kelliema xi drabi jibdlu l-aċċent, id-djalett jew il-lingwa tagħhom meta jkunu qed jitkellmu ma' ħaddieħor;
- Kif il-lingwa tista' tinbidel minn kuntest soċjali għal ieħor;
- Il-karatteristiċi ta' djaletti partikolari;
- Ir-rabta bejn varjabbli differenti (bħall-età, is-sess, il-ġografija, u l-isfond edukattiv) u l-użu ta' varjetajiet differenti tal-lingwa;
- Ġabriet ta' reġistri jew ta' lessiku marbut ma' xi qasam partikolari;
- X'jiġri meta l-lingwi jiltaqgħu ma' xulxin – il-lingwi f'kuntatt;
- It-taħdit f'kuntest bilingwi, bħal f'Malta.

B'mod ġenerali, ir-riċerka fis-soċjolingwistika tinqasam f'żewġ kategoriji: studji mikrolingwistiċi u studji makrolingwistiċi. Tal-ewwel normalment jiffukaw fuq punti lingwistiċi speċifiċi jew differenzi individwali fl-użu tal-lingwa u jitkellmu fuq id-differenzi li jsibu f'dan il-livell u fuq l-implikazzjonijiet tagħhom jew ir-raġunijiet li jwasslu għalihom.

Gumperz (223 f'Wardhaugh 14) osserva li s-soċjolingwistika hija tentattiv biex issib korrelazzjonijiet bejn l-istruttura soċjali u l-istruttura lingwistika, u biex tosserva kwalunkwe bidliet li jseħħu. Huwa importanti niftakru li l-korrelazzjonijiet juru biss relazzjoni bejn żewġ varjabbli u mhux il-kawżalità. Jiġifieri fi studju soċjolingwistiku, jekk insibu li żewġ varjabbli huma relatati, dan ma jfissirx neċessarjament li varjabbli minnhom qed jikkawża l-varjabbli l-ieħor. Pereżempju, jekk insibu li l-kelliema nisa jużaw karatteristiċi aktar standard minn kelliema rġiel f'komunità partikolari, dan ma jipprovax li l-fatt li tkun mara jikkawża lil xi ħadd li jitkellem aktar bl-istandard. Tajjeb niftakru wkoll li fi studji ta' dan it-tip għandna nitkellmu aktar fuq tendenzi milli fuq dommi.

Studji makrolingwistiċi jeżaminaw ammonti akbar ta' lingwa u jiġbdu konklużjonijiet usa' dwar ir-relazzjonijiet bejn grupp ta' persuni u ieħor, u jorbtuhom ma' fatturi soċjali (Wardhaugh 410-411). Dawn jinkludu studji dwar il-bilingwiżmu, il-multilingwiżmu, u l-ippjanar lingwistiku.

Bosta studji soċjolingwistiċi jinvolvu l-ġbir u l-analiżi tad-dejta. Dan jista' jsir b'modi differenti. Il-metodu kwantitattiv jiffoka fuq l-ammont ta' persuni li jużaw, ngħidu aħna, varjabbli lingwistiċi partikolari bħal fil-każ ta' min ilissen "daħak" u "daħaq," jew kemm hawn persuni li jqisu "esej" bħala nom maskili jew femminili. Hawn jidħol l-użu tal-istatistika u ta' testijiet statistiċi partikolari biex ir-riżultati jkunu interpretati b'mod xjentifiku. Studji kwalitattivi ma jiffukawx fuq in-numri imma aktar jinvolvu deskrizzjoni u analiżi tas-sitwazzjoni lingwistika. L-enfasi hawn hija fuq l-esplorazzjoni ta' tipi differenti ta' strateġija fid-dejta u l-għaliex kelliema differenti jużawhom f'kuntesti partikolari ma' persuni partikolari. Riċerka bħal din aktarx tinvolvi perjodi twal ta' osservazzjoni, ġbir aktar dettaljat tad-dejta, u numru żgħir ta' informanti. Eżempju ta' studju simili huwa l-osservazzjoni tat-taħdit ta' tifla ta' tliet snin fuq medda ta' żmien u f'kuntesti differenti. Għaldaqstant, il-konklużjonijiet ta' xogħlijiet bħal dawn ikunu japplikaw għal dawk il-persuni li jkunu ġew studjati u fihom ma tistax tiġġeneralizza wisq. Madanakollu, il-konklużjonijiet jistgħu jitqabblu ma' studji oħra li jkunu saru ma' gruppi jew persuni simili.

Xi drabi jkun possibbli li l-metodu kwalitattiv u l-metodu kwantitattiv jingħaqdu fl-istess riċerka, ngħidu aħna, meta l-aspett kwalitattiv jista' jiskopri tendenza lingwistika partikolari li tista' tiġi studjata permezz ta' analiżi kwantitattiva.

**Eżempji ta' teżijiet li saru f'dan il-qasam:**

- *Kliem Ingliż f'Kuntesti Differenti: Malti Kontemporanju jew Malti Ingliż Imħallat?* – Agius Matthew, BA (Unuri) 2022;
- *Il-Varjazzjoni Lessikali f'Għawdex* – Borg Maureen, BA (Unuri) 2022;
- *Mill-'Ġabra ta' Ward' għal Żmienna – Studju Soċjolingwistiku Dwar Numru ta' Kliem Magħżul* – Farrugia Randon; BA (Unuri) 2022;
- *Il-bidla minn s għal ż u t-twaqqigħ tal-j f'tarf il-kelma: Studju ta' varjanti fonetiċi-ortografiċi f'kuntest soċjolingwistiku* – Galea Christina, BA (Unuri) 2022;
- *Analiżi Soċjolingwsitika ta' Gruppi ta' Varjanti Fonetiċi-Ortografiċi* – Grima Cherise-Marie; BA (Unuri) 2021;
- *Aspetti Soċjolingwistiċi tad-Djalett ta' San Lawrenz u s-Sistema Vokalika* – Grima Anna, BA (Unuri) 2021;
- *Id-Djaletti Maltin u l-Varjazzjoni Lessikali* – Cutajar Diane, BA (Unuri) 2020;
- *Malti Kontemporanju jew Malti Ingliż Imħallat?* – Baldacchino Franklyn, BA (Unuri) 2020;
- *Il-Qlib tal-Kodiċi bejn il-Malti u l-Ingliż: Analiżi tal-Programm Televiżiv 'Ieqaf Għoxrin Minuta'* – Calleja Amy, BA (Unuri) 2019;
- *L-Imqabbi u l-Ġenerazzjonijiet differenti: Studju Soċjolingwistiku* – Cassar Yanica, BA (Unuri) 2019;
- *Il-Varjazzjoni Lessikali fil-Qasam tal-Ħobż* – Mifsud Daniela, BA (Unuri) 2018;
- *Id-djalett ta' Ħal Safi: id-diskors tal-omm mat-tfal* – Zammit Claire, BA (Unuri) 2018;
- *Il-Bidla fil-Lingwa: Studju Soċjolingwistiku dwar l-użu u t-tifsira ta' mitt kelma* – Azzopardi Maria Victoria, BA (Unuri) 2017;
- *Il-Lessiku użat mit-Tfal f'Għawdex. Id-djalett, il-Malti jew l-Ingliż?* – Debrincat Maria, BA (Unuri) 2017;
- *L-omm u t-tfal: fir-raħal ta' fuq u r-raħal t'isfel fiż-Żejtun* – Micallef Madeline Micallef, BA (Unuri) 2017;
- *L-Ismijiet tal-Hxejjex: Studju Soċjolingwistiku* – Schembri Maria, BA (Unuri) 2017;
- *Malti kontemporanju jew Malti Ingliż imħallat?* – Borg Chantel, BA (Unuri) 2016;
- *Studju soċjolingwistiku fuq ir-reġistru tal-futbol* – Borg Clayton, BA (Unuri) 2016;
- *Il-lessiku tat-tfal bejn 3 u 13-il sena: Malti jew Ingliż?* – Borg Luana, BA (Unuri) 2016;
- *Il-varjazzjoni lingwistika fit-taħdit tal-Beltin* – Grioli Gabriel, BA (Unuri) 2016;
- *Titli onorifiċi u indirizzi oħra: studju soċjolingwistiku* – Mifsud Maria, BA (Unuri) 2016;

- *L-ilbies: studju soċjolingwistiku f'Għawdex* – Spiteri Mary, BA (Unuri) 2016;
- *Il-Varjazzjoni fir-Reġistru ta' Kliem u Espressjonijiet Taboo* – Scerri Richard, BA (Unuri) 2015;
- *L-Użu tal-Lingwa f'Ħaż-Żebbuġ* – Bonanno Maria, BA (Unuri) 2014;
- *Ġabra ta' Lessiku u Espressjonijiet Marbutin mal-Qasam Marittimu* – Ciappara Daniel, BA (Unuri) 2014;
- *Studju Lessikali dwar iż-Żmien tal-Ġimgħa Mqaddsa* – Debono Karl, BA (Unuri) 2014;
- *Varjazzjoni Djalettali fil-Qasam Lessikali tal-Ħelu* – Cassar Franciana, BA (Unuri) 2013;
- *Ir-Reġistru tal-Kċina fl-Ilsien Malti, b'Rabta mal-Platti tal-Fenek* – Fenech Deborah, BA (Unuri) 2013;
- *Ir-Reġistru tat-Tisjir tal-Ħelu bl-Ilsien Malti* – Mizzi Veronica, BA (Unuri), 2013;
- *L-Ornamenti u l-Oġġetti Sagri fil-Knejjes: Reġistru Lingwistiku* – Raggio Christian, BA (Unuri) 2013;
- *Il-Kbar Ikellmu liż-Żgħar: Xi Osservazzjonijiet Kritiċi* – Zerafa Claire, BA (Unuri), 2013.

## Il-Fonetika u l-Fonoloġija

Il-lingwa hija primarjament ħoss. Kull lingwa umana għandha sistema ta' ħsejjes organizzata b'mod partikolari. Biex jipproduċu dawn il-ħsejjes il-bnedmin għandhom mekkaniżmu partikolari li nirreferu għalih bħala l-apparat tat-taħdit. Meta l-arja toħroġ mill-pulmuni titla' mill-kanal tan-nifs u tasal fil-larinġi fejn hemm il-kordi vokali. Meta dawn jersqu lejn xulxin u jimblokkaw parti mill-passaġġ tal-arja, l-arja taħbat magħhom u jivvibraw. L-arja tibqa' tielgħa fil-farinġi. Jekk il-palat l-artab jitbaxxa, l-arja taħrab mill-kavità nażali, filwaqt li jekk il-palat l-artab jintrefa', l-arja toħroġ mill-ħalq. F'dan il-proċess, iċ-ċaqliq tal-ilsien u x-xufftejn għandu sehem kbir biex inlissnu ħsejjes differenti. L-istudju tal-fonetika jiffoka l-aktar fuq dan il-proċess. Mela l-fonetika nistgħu nqisuha bħala x-xjenza li tistudja l-karatteristiċi tal-ħsejjes lingwistiċi li jipproduċi l-bniedem, l-aktar dawk il-ħsejjes li jagħmel waqt li jkun qed jitħaddet, u li tipprovdi l-metodi biex dawn il-ħsejjes inkunu nistgħu niddeskrivuhom, nikklassifikawhom u nittraskrivuhom. Il-fonetika tinqasam fi tliet fergħat ewlenin (i) il-fonetika artikulatorja – l-istudju ta' kif nipproduċu l-ħsejjes permezz tal-organi tat-tlissin (l-organi u l-istrutturi anatomiċi li nużaw biex nitkellmu); (ii) il-fonetika akustika – l-istudju tal-proprjetajiet fiżiċi tal-ħoss waqt li jkun trażmess mill-fomm għall-widna; u (iii) il-fonetika udittiva – l-istudju ta' kif nirċievu l-ħsejjes tal-lingwa u kif nipperċepixxu dawn il-ħsejjes permezz tal-apparat tas-smigħ tagħna.

Il-fonoloġija hija dik il-fergħa tal-lingwistika li tistudja s-sistemi tal-ħsejjes tal-lingwa. Mill-ħsejjes kollha li kapaċi jipproduċi l-bniedem permezz tal-apparat tat-taħdit tiegħu, numru relattivament żgħir biss jintuża f'lingwa waħda b'mod distintiv. Il-fonoloġija tistudja l-mod kif il-kelliema ta' lingwa partikolari jorganizzaw f'moħħhom u jużaw b'mod sistematiku u kategoriku ftit minn dawn il-ħsejjes biex jesprimu ruħhom, jiġifieri biex iwasslu messaġġ b'tifsira. Mela l-

għan ewlieni tal-fonoloġija huwa li turi l-patterns tal-ħsejjes distintivi f'lingwa partikolari jew inkella bejn lingwa u oħra.

Is-sistema ortografika ta' lingwa ħafna drabi ma tkunx tikkorrispondi eżatt mal-ħsejjes li tirrappreżenta. Ngħidu aħna fil-Malti mhux kull ittra tal-alfabett tikkorrispondi dejjem mal-istess ħoss (fonema) li tirrappreżenta u min-naħa l-oħra, mhux kull ħoss fil-Malti huwa rrappreżentat dejjem bl-istess grafema. Pereżempju l-ħoss [ts] mhuwiex irrappreżentat biss mill-grafema ⟨z⟩ (zalza) iżda jista' jkun irrappreżentat ukoll b'dawn is-sekwenzi ⟨ts⟩ (għatsa), ⟨ds⟩ (għodsa), ⟨dds⟩ (mqaddsa), ⟨zx⟩ (gezzizx), u ⟨zz⟩ (pizza). Min-naħa l-oħra, l-istess grafema tista' tirrappreżenta ħsejjes differenti. Pereżempju l-grafema ⟨x⟩ tista' tirrappreżenta l-ħoss [ʃ] (xita) u l-ħoss [ʒ] (televixin), filwaqt li l-grafema ⟨z⟩ tista' tirrappreżenta l-ħoss [ts] (bozza) u l-ħoss [dz] (organizza). Kien għalhekk importanti li l-lingwisti jiżviluppaw mod sistematiku u aktar preċiż ta' sistemi ta' traskrizzjoni fonetika biex jiġu studjati l-ħsejjes tal-lingwa. B'dan il-mod nistgħu niddeskrivu u nittraskrivu dawn il-ħsejjes tat-taħdit għax kull ħoss huwa rrappreżentat minn simbolu wieħed biss u kull simbolu jirrappreżenta ħoss wieħed biss. Waħda mill-aktar sistemi użati hija dik tal-Alfabett Fonetiku Internazzjonali, l-IPA (International Phonetic Alphabet), u kull min jagħżel li jagħmel riċerka fil-qasam tal-fonetika u l-fonoloġija jrid ikun midħla ta' dan l-alfabett.

Dawn il-ħsejjes tal-lingwa jistgħu jvarjaw minn djalett jew varjetà ta' lingwa għal oħra u maż-żmien jistgħu jinbidlu anki fl-istess lingwa. Persuni minn postijiet differenti jista' jkollhom aċċenti differenti. It-termini "aċċent" u "djalett" mhumiex sinonimi. Id-djalett jirreferi għall-elementi lingwistiċi kollha f'forma waħda ta' lingwa – fonoloġiċi, grammatikali u lessikali – filwaqt li aċċent jirreferi biss għall-pronunzja, jiġifieri l-aċċent għandu x'jaqsam mal-aspett fonetiku jew fonoloġiku ta' djalett. Hekk, xi ħadd mill-Kottonera x'aktarx li jippronunzja kelmiet bħal "tiegħu" u "miegħu" b'mod differenti minn kif nippronunzjawhom bil-Malti Standard, filwaqt li xi ħadd mix-Xewkija x'aktarx li jippronunzja kelmiet bħal "qattus," "xewqa" u "qalbi" b'mod differenti minn xi ħadd li jippronunzjahom bil-Malti Standard. Dan biex ma nsemmux differenzi oħra suprasegmentali fl-istress u fl-intonazzjoni bejn persuni li jitkellmu b'varjetajiet differenti. Hawn nidħlu fil-qasam tal-varjazzjoni fonoloġika. Din il-varjazzjoni tista' twassal eventwalment għal bidla fis-sistema tal-ħsejjes ta' lingwa. Dan mhuwiex xi proċess rari jew impossibbli, anzi huwa sinjal li l-lingwa tkun ħajja, u aktar kemm lingwa partikolari tiġi f'kuntatt ma' lingwi oħra, aktar ikun possibbli li jseħħu dawn it-tibdiliet fuq livell ta' ħoss.

Nistgħu nanalizzaw din il-bidla fil-ħsejjes ta' lingwa kemm b'mod dijakroniku kif ukoll b'mod sinkroniku. Eżempju tal-ewwel każ huwa jekk inqabblu l-Malti modern mal-Malti tal-*Kantilena* ta' Pietru Caxaru, miktuba f'nofs is-seklu ħmistax. Mill-ewwel nintebħu bid-differenza fuq livell ta' ħoss bejn iż-żewġ varjetajiet ta' Malti u kif fil-Kantilena jidher li hemm ħsejjes li m'għadhomx jeżistu fil-Malti Standard tal-lum, bħall-ħoss tal-velari frikattiva mleħħna [ɣ]. Min-naħa l-oħra, l-istudju sinkroniku ta' Christina Sammut, *Il-Pronunzja tas-Suffiss Pronominali: Studju Soċjolingwistiku tal-Varjanti* (2011), iħares lejn il-pronunzja tas-suffissi pronominali *-ha, -hom, -hulu* –: [ɐ:]~[ˈɐħħɐ];[ɔ:m] ~ [ˈɐhhɔm]; [ɐˈuːlʊ]~[ɐhˈhuːlʊ]. Fil-livell ta' Baċellerat ir-riċerka f'din il-fergħa tiffoka l-aktar fuq l-aċċenti partikolari ta' djaletti differenti f'Malta u Għawdex. Madanakollu, studji bħal dawn x'aktarx li jinkludu wkoll aspetti lessikali u grammatikali.

**Eżempji ta' teżijiet li saru f'dan il-qasam:**

- *Analiżi Fonetika u Fonoloġika tad-Djalett Imġarri* – Camilleri Yasmine, BA (Unuri) 2020;
- *L-ostruwenti f'tarf kliem Malti missellef mill-Ingliż* – Sammut Eman, BA (Unuri) 2016;
- *A preliminary study of pitch range in emotional spoken Maltese: positivity, negativity and anger* – Agius Sarah, BA (Unuri) Lingwistika 2012;
- *In-Naduri: is-Sistema Vokalika u Differenzi Lessikali* – Said Mary Joyce, BA (Unuri) 2007;
- *Ix-Xlukkajr: is-Sistema Vokalika u Differenzi Lessikali* – Incorvaja William, BA (Unuri) 2007.

## Il-Morfoloġija

Il-morfoloġija hija l-fergħa tal-lingwistika li tistudja l-kliem, il-binja interna tiegħu u kif jiġi ffurmat. Jeżisti kliem sempliċi li m'għandux binja interna għax ma tistax taqsmu f'partijiet li għandhom xi tifsira jew funzjoni partikolari, bħal *ktieb*, *xemx*, *karta*, u *dar*. Kliem ieħor, imsejjaħ kumpless, ikun iffurmat minn partijiet differenti li għandhom tifsira partikolari, pereżempju l-kelma *idi* li nistgħu ngħidu hija ffurmata min-nom *id* u t-tarf *-i* li għandu tifsira partikolari ta' possessjoni marbuta mal-ewwel persuna singular. Il-kelma *ommijiet* nistgħu naqsmuha f'żewġ partijiet, *omm* + *ijiet*. Din id-darba t-tarf *-ijiet* qed iwassal tifsira ta' plural. Dawn il-partijiet jissejħu morfemi u huma l-iżgħar unitajiet li għandhom tifsira fil-lingwa.

Il-binja interna tal-kliem u s-segmentazzjoni f'tipi differenti ta' morfemi huma essenzjali fl-istudju tal-morfoloġija għax dawn il-proċessi jistgħu joħolqu kliem ġdid u jimmodifikaw kliem eżistenti. X'aktarx li kelmiet ġodda maħluqin, bħal *stessu* u *borrinu*, għall-ewwel jiġbdulna l-attenzjoni jew jaħsduna. Għall-bidu jistgħu jidhru strambi iżda maż-żmien għandu mnejn jaqbdu, jindraw u jsiru parti integrali mil-lessiku tal-lingwa kif ġralhom kelmiet bħal *tisliba* u *stqarrija*. Flimkien mat-tifsira, xi drabi ġdida, ta' dan il-kliem, interessanti ninnutaw il-proċess ta' kif inbena. F'dan il-proċess ta' spiss ikunu involuti l-affissi (prefissi, suffissi, infissi u ċirkumfissi) li jitwaħħdu maz-zokk.

Il-morfoloġija tista' tkun inflettiva u derivattiva. Il-morfoloġija inflettiva tistudja l-mod kif il-kliem ivarja (jinfletti) biex jesprimi kuntrasti grammatikali f'sentenza. Għalhekk tiddistingwi l-forom differenti fil-paradigma tal-istess lessema bħal fil-każ tas-singular/plural u l-preżent/passat. Hekk, ngħidu aħna, *tapit* u *tapiti*, u *naħseb* u *taħseb* huma żewġ forom tal-istess kelma u d-differenza ta' bejniethom hija grammatikali. Il-morfoloġija derivattiva tistudja l-prinċipji li fuqhom jinbena kliem ġdid mingħajr referenza għas-sehem grammatikali li jista' jkollha kelma fis-sentenza (Crystal 91). Mela f'dan il-każ nistgħu ngħidu li għandna l-ħolqien ta' lessemi ġodda: minn nomi nistgħu nnisslu verbi eż. *xemx* > *xemmex*, minn verbi nistgħu nnisslu nomi *eduka* > *edukatur*, u minn verb nistgħu nnisslu verb ieħor eż. *kiser* > *tkisser*, u l-bqija.

Il-bażi morfoloġika tal-Malti hi wirt tal-Għarbi, li maż-żmien kienet influwenzata mill-morfoloġija Rumanza u reċentement minn dik Ingliża. Għaldaqstant is-sistema morfoloġika ta' lsienna taħdem b'sistemi morfoloġiċi

differenti. Il-karatteristika tal-morfoloġija ta' nisel Għarbi, bħall-ilsna Semitiċi kollha, hija s-sistema ta' għerq il-kelma magħmul minn tlieta jew erba' konsonanti li jagħtu t-tifsira ewlenija. Dawn l-għeruq jidħlu ġo forom li għandhom binja partikolari. Għalkemm jistgħu jinstemgħu differenti, ġeneralment il-konsonanti tal-għerq jibqgħu jinkitbu l-istess u jridu jżommu posthom fil-kliem kollu li jitnissel minnhom għax inkella jistgħu joħolqu lessema ġdida bħal fil-każ tal-pari *kiser* u *siker*, u *laqat* u *qatel*. Dan kollu jsir biex tinżamm l-identità tal-għerq Semitiku. Din is-sistema tal-għerq xi drabi nirreferu għaliha wkoll bħala morfoloġija introflessiva.

Is-sistema l-oħra li jħaddan il-Malti biex jibni l-kliem hija s-sistema konkatenattiva. Dan il-proċess jinvolvi t-tlaqqigħ lineari ta' morfemi, bħal katina, waħda ħdejn l-oħra. Hekk, ngħidu aħna, fil-kelma *maledukazzjoni*, maz-zokk *eduk* twaħħdu żewġ morfemi oħra, is-suffiss nominali -*azzjoni* u l-prefiss *mal-*. It-twaħħid tal-affissi huwa proċess komuni tal-morfoloġija konkatenattiva. Proċess ieħor huwa l-kliem kompost fejn żewġt izkuk jingħaqdu biex jiffurmaw kelma ġdida. Dan il-kliem kompost jista' jkun iffurmat minn partijiet differenti tat-taħdit.

Dawk l-istudenti li tinteressahom il-morfoloġija jistgħu jagħżlu li jiktbu teżi fuq firxa wiesgħa ta' suġġetti. Ngħidu aħna, jistgħu jagħżlu xi aspett morfoloġiku partikolari bħall-allomorfija fil-Malti, jew inkella xi kategorija grammatikali, jew xi aspett marbut ma' xi parti tat-taħdit bħan-nom tal-aġent jew in-nom tal-għodda fil-Malti. L-istudenti jistgħu jagħżlu li jagħmlu xogħol kwalitattiv jew kwantitattiv. Huwa possibbli wkoll li t-teżi tkun tgħaqqad flimkien dawn iż-żewġ aspetti.

Fil-bidu ta' xogħol bħal dan tkun ħaġa tajba jekk l-istudenti jiddedikaw kapitlu jew taqsima minn kapitlu biex fiha jagħtu tagħrif ġenerali marbut mas-suġġett tagħhom. Ngħidu aħna, jekk xi ħadd jagħżel li jistudja n-nom tal-aġent fil-Malti, tajjeb li wara li jitkellem fuq il-funzjoni ġenerali tiegħu, jagħti wkoll ħarsa lejn kif jiġi ffurmat fl-Għarbi, fit-Taljan u fl-Ingliż, it-tliet sorsi ewlenin li jiffurmaw il-grammatika tal-Malti. B'dan il-mod il-qarrejja jkunu jistgħu jifhmu aħjar l-għaliex fil-Malti nużaw kemm is-sistema introflessiva (wirt tal-Għarbi, eż. 'ħaddiem' 'għalliem', 'naġġar') kif ukoll is-sistema konkatenattiva, li ssaħħet permezz tal-kuntatt mal-Isqalli u t-Taljan (eż. 'arluġġar', 'preżentatur', 'vjolinist'), u mal-Ingliż (eż. 'hairdresser', 'supervisor', 'player').

Huwa mistenni wkoll li l-istudenti jagħtu ħarsa kritika lejn xi xogħlijiet li jkunu saru qabel, li jkunu marbuta mas-suġġett tat-teżi tagħhom, u dwar il-kuntest teoretiku li jkunu se jinkwadraw xogħolhom fih. B'hekk lill-qarrejja jipprovdulhom stampa usa' tas-suġġett tagħhom biex jifhmu aħjar dak li jkun se jiġi diskuss u analizzat. Xi drabi, xogħlijiet differenti jużaw terminoloġija differenti biex jirreferu mqar għall-istess kunċett. Ngħidu aħna, biex inkomplu mal-eżempju li tajna aktar 'il fuq, in-'nom tal-aġent' ġieli jissejjaħ 'nomen agentis' u drabi oħra jirreferu għalih ukoll bħala n-'nom tal-ħaddiem'. F'każi bħal dawn huwa importanti ħafna li l-istudenti jagħżlu t-terminu li jaħsbu li jista' jaqdihom l-aħjar u jkunu konsistenti fl-użu tiegħu. Hafna drabi jkun meħtieġ li ssir lista tal-abbrevjazzjonijiet ta' termini u s-simboli li jkunu se jintużaw fix-xogħol. Din x'aktarx li titqiegħed fil-bidu tax-xogħol, wara l-werrej, iżda xi kultant tiddaħħal ukoll fit-taqsima tal-metodoloġija biex tinkludi fiha t-tifsira tal-abbrevjazzjonijiet li jkunu se jintużaw fit-tabelli.

Ħafna drabi xogħol ta' natura morfoloġika jirrikjedi li tinġabar lista ta' kliem li eventwalment jitqassmu f'kategoriji differenti. Din l-informazzjoni tista' tinġabar minn sorsi differenti imma l-aktar żewġ sorsi li jintużaw għal xogħol

dwar il-Malti huma d-dizzjunarju ta' Aquilina (Ingliż-Malti) jew inkella l-Korpus Malti, magħruf ukoll bħala l-MLRS. Fl-2023 tnediet verżjoni ġdida tal-Korpus – v4.0 (2023). Listi bħal dawn x'aktarx li jkun jaqbel li jinġabru f'dokument tal-Excel. Għaldaqstant, jgħin ħafna jekk l-istudenti jitgħallmu jħaddmu din l-għodda elettronika għax jiffrankaw ħafna ħin u xogħolhom ikun aktar preċiż. Ħafna drabi jkun aħjar jekk din l-informazzjoni tiġi ppreżentata f'numru ta' tabelli u figuri li jispjegaw b'mod ċar u malajr xi punt partikolari jew il-kriterji tal-klassifikazzjoni tad-dejta li tkun qed tiġi analizzata. Importanti li dawn it-tabelli u l-figuri jkunu enumerati biex tkun tista' ssir referenza għalihom faċilment. Importanti wkoll li minbarra li jingħataw numru, ikollhom titlu li jispjega aħjar l-informazzjoni li jkunu qed jirrappreżentaw. Tkun idea tajba jekk fil-bidu tat-teżi jsir ukoll werrej ta' dawn it-tabelli u l-figuri, aktar u aktar jekk fix-xogħol ikun hemm numru mdaqqas minnhom. Tkun ukoll ħaġa tajba jekk f'każ li t-tabella tkun mifruxa fuq aktar minn paġna waħda, ir-ras ta' kull kolonna tkun irrepetuta f'kull paġna biex il-qarrejja jkunu jistgħu jsegwu faċilment u ma jkollhomx għalfejn joqogħdu jqallbu l-paġni biex jiftakru għal xiex qed jirreferu l-kolonni differenti.

F'teżi ta' din ix-xorta, il-kapitlu dwar il-metodoloġija huwa importanti ħafna. L-istudenti jridu juru b'mod ċar il-pjan ta' kif wettqu x-xogħol tagħhom u kif imxew minn fażi għal oħra. Dan il-kapitlu normalment jinkludi fost oħrajn, tagħrif dwar kif tkun inġabret id-dejta, x'metodi ntużaw biex tiġi analizzata, il-kriterji dwar it-tqassim tagħha f'tabelli, u, jekk kien il-każ, tagħrif dwar l-istudju pilota u x'ħareġ minnu. F'dan il-kapitlu wkoll l-istudenti għandhom jinkludu xi deċiżjonijiet li jkunu ħadu biex janalizzaw u jispjegaw xogħolhom. Ngħidu aħna, jiddeċiedu li fit-traskrizzjoni bl-AFI l-għelm [ː] se jużawh biss fil-każ tat-tul vokaliku, pereżempju /mɐːr/, u mhux fil-każ tal-ġeminazzjoni ta' konsonanti. Għaldaqstant, jiddeċiedu li kelma bħal 'ħoss' se jittraskrivuha /hɔss/ u mhux /hɔsː/.

Wara l-ġbir u l-preżentazzjoni tad-dejta normalment isegwi l-kapitlu tal-analiżi tar-riżultati. Dan huwa kapitlu ta' importanza kbira għax hawn tidħol il-ħila tal-istudenti biex jinterpretaw id-dejta li jkunu ġabru u jaraw jekk minnha jistgħux joħorġu xi tendenzi partikolari, xi regoli ġodda, jew inkella jistgħux jikkonfermaw jew le l-ipoteżi li jkunu telqu biha. Għal dan il-għan ikun ta' siwi kbir jekk l-istudenti, fejn u meta possibbli, jikkumplimentaw ir-riżultati tagħhom b'analiżi statistika. B'dan il-mod ir-riżultati tagħhom ikunu aktar oġġettivi u affidabbli. Għaldaqstant, tkun ħaġa tajba jekk dawk l-istudenti li jkunu mħajra jagħmlu din it-tip ta' teżi, qabel jibdew jiktbu xogħolhom jew, għall-inqas fil-fażi bikrija tiegħu, jagħmlu xi kors bażiku fl-istatistika bħall-SPSS jew l-R. Huwa importanti wkoll li waqt l-ispjega tal-analiżi tagħhom l-istudenti jagħtu numru ta' eżempji biex ifissru aħjar l-argumenti tagħhom. L-istudenti jridu jiftakru li mhux kulħadd ikun midħla tal-qasam tagħhom u għaldaqstant dawn l-eżempji jiswew ta' għajnuna kbira biex il-qarrejja jifhmu aħjar dak li jkun qed jiġi spjegat.

Fil-konklużjoni tat-teżi normalment jinġabru fil-qosor is-sejbiet ewlenin li jkunu ħarġu minnha u l-istudenti huma mistennija jagħtu xi suġġerimenti marbutin ma' xogħol ieħor li jista' jsir fil-futur fil-qasam li jkunu ttrattaw.

**Eżempji ta' teżijiet li saru f'dan il-qasam:**

- *In-Nom tal-Aġent u n-Nom tal-Għodda fil-Malti* – Zammit Francesca, BA (Unuri) 2022;

- *Il-Parteċipju Passiv fil-Malti* – Bartolo Kirsty, BA (Unuri) 2021;
- *L-Allomorfija fil-Malti b'referenza speċjali għall-imtenni u d-diminuttiv* – Bezzina Raffaello, BA (Unuri) 2020;
- *Id-Diminuttiv u l-Akkrexxittiv fil-Malti* – Cutajar Fransianne, BA (Unuri) 2019;
- *L-Għadd Imtenni fil-Partijiet tal-Ġisem* – Brincat Shazel, BA (Unuri) 2018;
- *Il-Kollettiv fil-Malti fil-Miktub u l-Mitħaddet* – Abdilla Marija Theresa, BA (Unuri) 2015;
- *L-Affissi l-Iktar Produttivi fil-Lingwa Maltija* – Sammut Nicole, BA (Unuri) 2015;
- *Tibdil fil-Morfoloġija u fis-Sintassi fil-Malti Modern* – Mifsud Jeanelle, BA (Unuri) 2014;
- *Il-Varjanti tal-Plural fil-Malti* – Farrugia Adreana, BA (Unuri) 2013;
- *In-Nom Mimmat fil-Malti – Struttura u Tifsir* – Zammit Elaine, BA (Unuri) 2012.

## Il-Kisba u l-Iżvilupp tal-Ewwel Lingwa

Ir-riċerka f'dan il-qasam tindirizza l-mistoqsija bażika ta' kif it-tfal jakkwistaw il-lingwa. F'dan l-isfond jistgħu jsiru xogħlijiet dwar kif it-tfal jitgħallmu l-grammatika, il-vokabularju u s-sistema tal-ħsejjes ta' lsienhom. Ir-riċerka f'dan il-qasam tista' tiffoka fuq l-istruttura u t-tifsir tal-lingwa tat-tfal f'etajiet u stadji ta' żvilupp differenti biex tingħata stampa aktar ċara tal-istadji ewlenin fil-kisba tal-lingwa u jkun jista' jsir tqabbil bejn il-lingwa tat-tfal u l-lingwa mudell tal-adulti.

Mistoqsijiet komuni marbutin ma' dan il-qasam huma dwar jekk jeżistux mudelli ġenerali komuni għal kulħadd fil-kisba tal-lingwi umani kollha, għaliex jista' jkun hemm differenzi fost it-tfal fil-ksib u fl-użu tal-lingwa. Jista' jsir xogħol ta' riċerka fuq kemm idumu biex jiksbu l-lingwa; u jekk hemmx qbil bejn il-proċess tal-ksib tal-ewwel lingwa u tat-tieni lingwa jew lingwa barranija, kemm fost it-tfal, kif ukoll fl-adulti. Studji oħra jistgħu jiffukaw fuq ir-rata ta' żvilupp jew fuq jekk hemmx xi ordni partikolari li fiha t-tfal jitgħallmu r-regoli grammatikali, u l-istrateġiji li jużaw biex jitgħallmuhom. Jista' jsir tqabbil bejn tfal ta' etajiet differenti, tfal li l-ewwel lingwa tagħhom hija differenti, jew bejn tfal monolingwi u tfal bilingwi.

**Eżempji ta' teżijiet li saru f'dan il-qasam:**

- *Il-Ħakma tal-Plural mit-Tfal tar-Raba' Sena fl-Iskola Primarja* – Zammit Diane, BA (Unuri) 2020;
- *Il-Lessiku użat mit-Tfal f'Għawdex. Id-djalett, il-Malti jew l-Ingliż?* – Debrincat Maria, BA (Unuri) 2018;
- *Il-Lingwaġġ tat-Tfal: Studju tat-Taħdit ta' Tifla ta' Sitt Snin* – Bartolo Dorianne, BA (Unuri) 2014;
- *Ħarsa lejn l-Iżvilupp Lingwistiku tal-Lingwa f'Tifla Maltija* – Gialanzè Ritienne, BA (Unuri) 2009;
- *Il-Vokabularju Espressiv Malti, Taljan u Ingliż f'Erba' Oqsma Lessikali fit-Tfal ta' Ħames u Sitt Snin* – Grech Doriette, B. Ed. (Unuri) 1994;
- *Analiżi tal-Lingwa tat-Tfal: Temi u Vokabularju* – Gatt Marthese, Muscat Rita, B. Ed (Unuri) 1997;

- *Il-Qlib tar-Reġistru fit-Taħdit tat-Tfal* – Grima Rosann, B. Ed (Unuri) 1989.

## Il-Lingwistika Storika

Il-lingwa hija l-mera tas-soċjetà li titkellimha u ladarba s-soċjetà tinbidel minħabba bosta raġunijiet, il-lingwa trid tirrifletti din il-bidla. Mill-bidu tas-seklu 20 bosta studji lingwistiċi bdew ikunu ta' natura sinkronika, jiġifieri jistudjaw l-istruttura tal-lingwa f'punt partikolari taż-żmien. Madanakollu studju storiku (dijakroniku) jista' jagħtina stampa aktar sħiħa tal-lingwa li tkun u jgħinna nifhmu kif u kemm inbidlu l-istrutturi tagħha. L-istudju tal-passat huwa importanti biex nifhmu aħjar il-preżent u dan japplika wkoll fil-każ tal-lingwa. Jekk nistudjaw kif inbidlet il-lingwa maż-żmien inkunu nistgħu nifhmu aħjar kif jiffunzjonaw l-istrutturi grammatikali jew ir-regoli fonoloġiċi tagħha.

Il-lingwistika storika tippermettilna nikkomparaw il-metodoloġiji differenti li ntużaw fil-passat u naraw liema minnhom kienu l-aktar effiċjenti. Tista' tixħet dawl fuq il-lingwi li m'għadhomx jeżistu u tagħti tagħrif fuq kif setgħu kienu jinstemgħu jew jinkitbu. Barra minn hekk il-lingwistika storika tista' tgħallimna ħafna dwar il-kultura tal-ġnus, id-drawwiet, ir-reliġjon, u l-letteratura tagħhom, għax il-lingwa ta' spiss tkun influwenzata mill-kultura tal-kelliema tagħha. Robins (132) iqis l-interess li juru l-lingwisti fl-iżviluppi passati tal-lingwa u fl-istorja tagħha bħala sinjal tal-maturità tal-lingwistika bħala dixxiplina akkademika. Studju storiku jista' jiffoka fuq bosta livelli lingwistiċi iżda jista' jaqbad livell partikolari, bħal dak lessikali, morfoloġiku, fonoloġiku, jew sintattiku.

M'għandniex xi ngħidu, aktar ma mmorru lura fiż-żmien anqas se jkollna evidenza ta' kelliema li kienu jitkellmu dik il-lingwa. Għaldaqstant ir-riċerka lingwistika jkollha tibbaża l-parti l-kbira tagħha fuq manuskritti li jservu ta' evidenza ta' kif lingwa setgħu kienu jitkellmuha. Imma hawn irridu nżommu f'moħħna li fl-imgħoddi n-nies li kienu jafu jiktbu ma kinux bosta.

Barra minn hekk huwa diffiċli tgħid kemm dawn il-manuskritti huma tassew rappreżentazzjoni fidila ta' kif jitkellmu n-nies ta' xi epoka partikolari. Xi drabi l-informazzjoni li jagħtina d-dokument tista' sserrħilna rasna li l-kitba li hemm fih hija tassew rappreżentazzjoni fidila tal-mod li bih kienu jitkellmu l-kelliema. Eżempju tajjeb ta' dan huwa t-tmien djalogi ta' De Soldanis li nsibu fit-tieni grammatika tiegħu. Dawn huma bbażati fuq it-taħdit ta' kuljum ta' persuni minn klassijiet soċjali differenti fis-seklu tmintax. Minbarra li jagħtuna ħjiel ta' kif kienet tintuża l-lingwa dak iż-żmien, id-djalogi jagħtuna informazzjoni utli dwar aspetti varji tal-ħajja li kienu jgħixu l-Maltin ta' dak iż-żmien, għax jitkellmu fuq il-kaċċa, l-aħbarijiet, il-qoton, iż-żjarat tan-nisa tal-klassi l-għolja fid-djar ta' xulxin, iż-żwieġ, u l-mewt.

**Eżempji ta' teżijiet li saru f'dan il-qasam:**

- *Ġabra ta' Kliem Malti ddokumentat fil-Prietki Qodma ta' Injazju Saverju Mifsud* – Gatt Francesca, BA (Unuri) 2023;
- *Il-Kultura Materjali u l-Lingwa ta' Tliet Qrieċel Bikrin* – Bugeja Kelly, BA (Unuri) 2022;
- *Dokumentazzjoni tal-Eqdem Kliem fil-Prietki ta' I.S. Mifsud* – Pisani Lee, BA (Unuri) 2021;

- *Il-Valur tal-Prietki ta' I.S. Mifsud għal Dizzjunarju Storiku tal-Malti* – Vella Luke, BA (Unuri) 2020;
- *Traskrizzjoni u Ġabra ta' Kliem mill-Prietki ta' Patri Fidiel* – Saliba Roberta, BA (Unuri) 2019;
- *Il-Prietki ta' Patri Fidiel: Għajn Oħra għad-Dizzjunarju Storiku* – Frendo Martina, BA (Unuri) 2019;
- *Traskrizzjoni u Analiżi ta' Prietki Qodma bil-Malti ta' Patri Fidiel* – Cutajar Kimberly, BA (Unuri) 2019;
- *Il-Prietki ta' Ignazio Mifsud: Għajn Oħra għad-Dizzjunarju Storiku* – Formosa Mariano, BA (Unuri) 2018;
- *Prietki Qodma bil-Malti: Kontribut għad-Dokumentazzjoni tal-Malti Qadim* – Casha Saoirse, BA (Unuri) 2015;
- *Lista ta' Kliem Sqalli li maż-Żmien Daħal fil-Malti, u li Jidher fl-Acta Iuratorum* – Ferry Rebecca, BA (Unuri) 2015;
- *Il-Prietki ta' Injazju Saverju Mifsud: Kontribut għad-Dokumentazzjoni tal-Malti Qadim* – Falzon Glen, BA (Unuri) 2014;
- *Prietka Qadima ta' Mifsud: kontribut għad-dizzjunarju storiku* – Gauci Marie, BA (Unuri) 2014;
- *Id-djarju ta' de Soldanis – Tagħrif Bijografiku u Soċjali* – Mifsud Neville, BA (Unuri) 2014;
- *Tagħrif Ġdid fuq il-Kitba "Izzueg La Maltia" (1760) u Analiżi Lingwistika tagħha* – Fenech Conrad, BA (Unuri) 2012;
- *Ġabra ta' Prietki ta' Franġisku Saverju Baldacchino Traskritti u Analizzati* – Grima Jade, BA (Unuri) 2012.

## Għeluq

Il-lingwistika hija l-istudju xjentifiku tal-lingwa. Dan ifisser li ladarba l-istudenti, wara li jaħsbuha sew, jagħżlu li jiktbu teżi ta' natura lingwistika, f'xi qasam jew ieħor li semmejna f'dan il-kapitlu jew f'oqsma oħra li ma ssemmewx, iridu jiżguraw li jużaw il-metodi empiriċi addattati marbuta ma' din il-fergħa tal-lingwa. Bosta drabi l-istudenti li jagħżlu li jiktbu teżi ta' natura lingwistika jridu jsegwu l-qafas ġenerali li semmejna f'dan il-kapitlu u tajjeb ikunu jafu li xogħol ta' dan it-tip jitlob ċerta preċiżjoni, dixxiplina, paċenzja u metikolożità. Għaldaqstant jiswielhom ħafna li jkunu jippossedu dawn il-kwalitajiet. B'dan il-mod l-istudju tagħhom ikun oġġettiv u serju, u mqar jekk ma jikkonfermax l-ipoteżi li jkunu telqu biha, xogħolhom xorta waħda jkun ikkontribwixxa xi ftit jew wisq għal aktar għarfien fuq is-suġġett magħżul. F'dan is-sens xorta jkun laħaq l-għan tiegħu li fuq kollox huwa l-għan ta' kull xogħol akkademiku.

## Biblijografija

Crystal, David. *The Penguin Dictionary of Language*, (it-tieni edizzjoni). Penguin, Londra, 1999.

Robins, R. H. *A Short History of Linguistics*. Longmans, Londra, 1967.

Trudgill, Peter. *Sociolinguistics: An Introduction to Language and Society*, Penguin Publishing Group, Londra, 2000.

Wardhaugh, Ronald u Jannet M. Fuller. *An Introduction to Sociolinguistics* (is-seba' edizzjoni) John Wiley & Sons, Inc. UK, 2015.

Artiklu sottomess nhar it-13 ta' Mejju 2024.
Artiklu ppubblikat nhar l-20 ta' Frar 2025.